Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,409, 21 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 198 tal-2020

ATT DWAR IR-RIFUĠJATI
(KAP. 420)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar ir-Rifuġjati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24(4) tal-Att dwar ir-Rifuġjati, Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar ir-Rifuġjati, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar ir-Rifuġjati, liema Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 420.

Jemenda l-Iskeda.

2. Fl-Iskeda, għandhom jiġu miżjuda dawn il-pajjiżi ġodda li ġejjin:

"Alġerija

Bangladexx

Eġittu

Marokk

Tuneżija".